# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

# KAP 4 – IL-PAĊI SABIĦA

| | | |
|---|---|---|
| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | |
| 4.1 | Inkun strument ta' paċi | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu xi tfisser tkun strument tal-paċi għall-Mulej.<br>2. jsiru konxji li meta jaħdmu ma' ħaddieħor ir-riżultat ikun isbaħ u aħjar u huma jħossuhom kuntenti u sodisfatti.<br>3. jitgħallmu dwar x'jistgħu jagħmlu huma u kif ukoll ma' ħaddieħor biex ikattru l-paċi fl-ambjent ta' madwarhom. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Aħna fina għandna ħafna affarijiet sbieħ li tajhomlna Alla.<br>2. Aħna kapaċi noħolqu bosta affarijiet sbieħ kemm waħedna u anke meta naħdmu ma' ħaddieħor.<br>3. Irridu nħallu lill-Mulej jaħdem bina ħalli nkattru l-paċi fl-ambjent fejn ngħixu. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru xewqa li jaħdmu ma' ħaddieħor u fil-fatt hekk jagħmlu. Dan kollu jġib fosthom u bejniethom atmosfera ta' paċi. | |
| | | |
| 4.2 | Fid-dlam jew fid-dawl? | 4.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti: | |

| | | |
|---|---|---|
| | 1. jifhmu x'jiġifieri tgħix fid-dlam u tgħix fid-dawl.<br>2. jiġu konxji tal-fatt li meta qiegħed fid-dlam il-ħajja hija diffiċli u jkollok bżonn lil xi ħadd jiggwidak.<br>3. jirrealizzaw li Ġesù għandu jkun id-dawl li jmexxihom fil-ħajja tagħhom.<br>4. jirrealizzaw li huma wkoll jistgħu jservu bħala dawl għal xi ħadd jekk iħallu lil Ġesù jmexxihom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta ma nagħmilx dak li jrid Ġesù nkun qed ngħix fid-dlam.<br>2. Ngħix fid-dlam ifisser li ma nġibx ruħi sew u nagħmel li rrid.<br>3. Ġesù huwa l-mexxej u d-dawl tiegħi.<br>4. Jien nista' nkun ta' dawl għal xi ħadd billi noffri l-għajnuna tiegħi fejn ikun hemm bżonn.<br>5. Ngħix fid-dawl meta nkun bil-għaqal u nagħmel li hemm bżonn. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li jridu jgħixu fid-dawl. Jagħmlu sforz billi ma jġiegħlu lil ħadd jirrabja bl-imġiba tagħhom. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| **4.3** | **Meta nkiser il-vażun** | **4.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. Jiġu konxji ta' dawk l-okkażżjonijiet meta ma jġibux ruħhom sew.<br>2. Jitgħallmu x'iġifieri tħalli madwarek sabiħ.<br>3. Jiddiskutu li l-anninali huma parti mill-ambjent u allura nieħdu ħsiebhom.<br>4. Jifhmu x'iridu jagħmlu meta jkissru s-sabiħ li hemm madwarhom.<br>5. Jirrevedu l-parabbola tal-iben il-ħali u jiddiskutu x'għamel dan biex kisser is-sabiħ u x'għamel biex jerġa' ġabu lura. | |

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Meta nagħmel it-tajjeb jien qed ngħin biex madwari jkun hawn is-sabiħ.<br>2. Meta noħloq l-inkwiet inkun qed inkisser is-sabiħ ta' madwari.<br>3. Inkisser is-sabiħ meta niġġieled, nagħmel ta' rasi, nitgħażżen u ma ngħinx.<br>4. Meta nieħu ħsieb l-annimali li għandi nkun qed insebbaħ id-dar. | |
| **L-Attitudni** | • It-tfal jaħdmu biex l-ambjent tagħhom u ta' madwarhom ikun dejjem sabiħ.<br>• It-tfal jaħdmu u jagħmlu sforz biex jagħmlu l-affarijiet f'ħinhom. | |
| | | |
| **4.4** | **Jien nirrispetta dak li temmen int!** | **4.3** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>5. jagħrfu li fid-dinja jeżistu reliġjonijiet oħra barra r-reliġjon Nisranija;<br>6. jitgħallmu dwar xi fatti interessanti f'reliġjonijiet oħra;<br>7. jitgħallmu dwar kif il-maħfra tiġi ċċelebrata f'reliġjonijiet u kulturi oħra. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Fid-dinja jeżistu diversi reliġjonijiet differenti.<br>2. Il-Fundatur tal-Islam huwa l-Profeta Mohammed.<br>3. L-Insara jaqraw il-Kelma t'Alla mill-Bibbja.<br>4. Jien nista' nitgħallem xi ħaġa minn kull reliġjon għax kull reliġjon fiha t-tajjeb tagħha. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru rispett lejn dawk il-persuni ta' reliġjon u kulturi differenti. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 4.5 | Il-Maħfra f'reliġjonijiet differenti | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiġu konxji li fid-dinja jeżistu reliġjonijiet barra r-reliġjon Nisranija;<br>2. jitgħallmu dwar xi fatti interessanti f'reliġjonijiet oħra;<br>3. jitgħallmu dwar kif il-maħfra tiġi ċċelebrata f'reliġjonijiet u kulturi oħra. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Fid-dinja jeżistu diversi reliġjonijiet differenti.<br>2. Reliġjonijiet differenti jipprattikaw il-maħfra b'modi differenti.<br>3. Jien nista' nitgħallem xi ħaġa minn kull reliġjon għax kull reliġjon fiha t-tajjeb tagħha. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li japprezzaw li l-bnedmin kollha huma msejħin biex jaħfru u allura jifhmu li l-bnedmin kollha għandhom jgħixu fil-paci.<br>• Huma jaħdmu għall-paċi fl-ambjenti tagħhom. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | |
| 4.6 | L-Ewwel familja fil-Knisja | 4.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu dwar Pietru u kif tkompla t-tagħlim Nisrani wara l-mewt ta' Ġesù;<br>2. jitgħallmu dwar l-ewwel komunitajiet tal-Knisja u kif dawn kienu jiċċelebraw il-maħfra;<br>3. jagħmlu paragun ma' kif kienu jipprattikaw il-maħfra fil-bidu tal-Knisja ma' kif tiġi pprattikata fil-preżent;<br>4. jiddiskuti x'jagħmilhom parti mill-Komunità tal-Insara. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jien irrid inkun bħal Pietru - inxerred it-tagħlim ta' Kristu sa fejn nista'. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. Meta nidneb ma rridx niddejjaq nammetti li żbaljajt anki quddiem ħaddieħor, bħalma kienu jagħmlu l-ewwel komunitajiet tal-Knisja.<br>3. Fil-bidu tal-quddiesa aħna ngħidu 'ħtija tiegħi' għal tliet darbiet biex nuru li għamilna l-ħażin u li jiddispjaċina.<br>4. Meta nidneb huwa importanti li nistqarr dnubieti mal-qassis waqt il-qrar. | |
| **L-Attitudni** | - Meta t-tfal jgħidu li jkunu naqsu lil Alla, huma jaħfru lil xulxin u juru li reġgħu ħbieb mill-ġdid.<br>- It-tfal juru kemm iħobbu u jirrispettaw billi fil-knisja jġibu ruħhom sew. | |
| | | |
| **4.7** | **Darba oħra naħsibha sew** | **4.5** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jagħrfu li meta taħfer u ma tibqax iżżomm ġo fik tħossok ħafna aħjar;<br>2. jagħrfu l-valur tal-maħfra u tal-paċi permezz ta' attivitajiet fil-klassi;<br>3. jesperjenzaw ċelebrazzjonijiet ta' maħfra u paċi fil-klassi. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Jien irrid ngħix f'ambjent ta' ferħ, paċi u għajnuna.<br>2. Jien ma rridx inżomm ġo fija ħafna emozzjonijiet negattivi iżda rrid inkun lest li naħfer lil min iweġġagħni.<br>3. Naċċetta 'sorry' meta xi ħadd għamilli xi ħaġa ħażina. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru li huma ferħanin u li b'mod pożittiv, jagħżlu li jaħfru minflok li joqogħdu jżommu fihom infushom. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 4.8 | **Niskuża ruħi quddiem sħabi u quddiem Ġesú** | 4.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. Jirrevedu l-kunċett tal-maħfra.<br>2. Jagħrfu l-importanza tal-qrar fil-ħajja tan-Nisrani.<br>3. Jitgħallmu dwar kif għandhom iqerru tajjeb.<br>4. Jifhmu x'irid isir wara li wieħed iqerr. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Qabel ma nersaq lejn is-sagrament tal-Ewkaristija rrid immur inqerr.<br>2. Biex nagħmel qrara tajba l-ewwel irrid nagħmel eżami tal-kuxjenza.<br>3. Fl-aħħar irrid nagħmel il-penitenza li jagħtini l-qassis. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jgħixu ma' xulxin fil-klassi f'ambjent ta' għajnuna u ferħ.<br>• It-tfal juru rieda tajba biex jagħmlu dejjem it-tajjeb u meta jgħidu 'sorry' jkun ta' veru. | |
| | | |
| 4.9 | **Ħbieb mill-ġdid** | 4.7 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu kif wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Maħfra, l-Ewwel Insara kienu jiċċelebraw l – Ewkaristija;<br>2. jitgħallmu dwar kif twaqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija;<br>3. jagħrfu li wara li jqerru huwa importanti li jieħdu sehem fis-sagrament tal-Ewkaristija. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Fl-Aħħar Ċena Ġesù waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija.<br>2. Huwa bidel il-ħobż u l-inbid fil-ġisem u d-demm tiegħu.<br>3. Biex inkun nista' nirċievi lil Ġesù l-ewwel irrid inqerr. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | • It-tfal jgħixu ma' xulxin fil-klassi f'ambjent ta' għajnuna u ferħ.<br>• It-tfal juru xewqa li jkunu bil-għaqal għax huma jirċievu lil Ġesu fihom. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | |
| 4.10 | Ngħix tajjeb | 4.8 |
| L-Għanijiet | It-tfal:<br>1. jirrevedu dwar l-importanza li tersaq lejn is-sagrament tal-Ewkaristija;<br>2. jiġu konxji li xi drabi l-imġiba tagħhom ma tkunx xierqa;<br>3. jifhmu kif jistgħu jgħixu l-Ewkaristija fil-ħajja tagħhom bħala tfal. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Imġiba tajba trid tintwera mill-mod kif ngħix.<br>2. Inkun ma' Ġesù tassew billi nagħmel dak kollu li hu mitlub minni.<br>3. Irrid ukoll niltaqa' ma' Ġesù billi mmur nitqarben. | |
| L-Attitudni | • It-tfal jgħinu lil xulxin biex isiru aħjar.<br>• It-tfal jirċievu l-Ewkarisija bil-ferħ u juru li jixtiequ jgħixu skont dak li jagħmlu. | |
| | | |
| | | |